# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 4**

**Rikors numru 681/20/1 RGM**

**Ġorġ Bonello u Jane Bonello**

**v.**

**Joseph sive Ġużi Grech u Mary Grace Grech**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell tal-atturi mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat-28 ta' Ottubru 2021 li biha l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti u ċaħdet it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kontrihom.

2. Il-fatti ġew spjegati hekk mill-ewwel Qorti:

> *"Bis-saħħa ta' żewġ skritturi privati datati 4 t'Ottubru 2011 u 4 ta' Diċembru 2011, l-atturi xtraw sailing boat tal-għamla Bavaria,*

*irreġistrata bl-isem Rhea flimkien mal-pontoon għall-prezz ta' mija u tlieta u għoxrin elf (€123,000). Waħda mill-kundizzjonijiet tal-bejgħ kienet li d-dgħajsa hija mingħajr difetti moħbija inkluż daqqiet jew difetti oħra fil-magna jew parti oħra tad-dgħajsa. F'Marzu 2019 l-atturi inkarigaw lil Anthony Camilleri sabiex jagħtihom kwotazzjoni għal tinda ġdida. Ġara li l-imsemmi Camilleri nduna li taħt il-flooring kien hemm miġbur ftit ilma ħdejn il-boltijiet tal-keel u nnota wkoll xi xquq żgħar. Bonello mar għand is-soċjetà assiguratriċi Citadel Insurance p.l.c. Is-soċjetà assiguratriċi inkarigat lil Elio Desira bħala surveyor sabiex jeżamina d-dgħajsa u kien għalhekk li Bonello tellgħa d-dgħajsa fil-Manoel Island Yacht Yard. Hekk kif kienet fuq l-art, ġie osservat li kien hemm moviment tal-boltijiet tal-keel li waslu sabiex ix-xquq infetħu aktar. Desira ta struzzjonijiet sabiex id-dawra kollha tal-keel tiġi mibruxa u hemm indunaw li kien hemm xi qsim fil-fibre. Is-surveyor innota li l-keel kienet mgħaffġa u li l-ispazju bejn l-istess keel u l-hull kien mimli bl-anti-fouling sabiex minn barra jidher sħiħ. Allegatament b'konsegwenza ta' din l-għatna ġie kkawżat qsim fil-qiegħ tad-dgħajsa. Is-soċjetà assiguratriċi informat lill-atturi li m'hijiex sejra tħallas għall-ispejjeż u dan għaliex kienet ħallset lill-konvenuti wara li kienu fetħu claim wara li kellhom inċident, liema inċident ma kienx ġie żvelat mill-konvenut lill-atturi qabel sar il-bejgħ".*

3. B'rikors maħluf tas-7 ta' Awwissu 2020 l-atturi talbu li l-Qorti:

*"1. Tiddikjara li l-kunsens tar-rikorrenti mogħti fuq iż-żewġ skritturi privati ta' bejgħ li saru bejn il-kontendenti u datati 4 t'Ottubru 2011 u 4 ta' Diċembru 2011 rispettivament u li permezz tagħhom ir-rikorrenti akkwistaw is-sailing boat ta' erbgħa u erbgħin (44) pied tat-tip Bavaria, irreġistrata bl-isem RHEA, bil-pontoon b'kollox, kien ivvizjat peress li ġie meħud b'għemil doluż tal-intimati, jew min minnhom, u dan ai termini tal-artikoli 974 u 981 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Konsegwentement tannulla, tħassar u tirrexxindi l-imsemmi żewġ skritturi privati ta' bejgħ li saru bejn il-kontendenti u datati 4 t'Ottubru 2011 u 4 ta' Diċembru 2011 rispettivament u li permezz tagħhom ir-rikorrenti akkwistaw is-sailing boat ta' erbgħa u erbgħin (44) pied tat-tip Bavaria, irreġistrata bl-isem RHEA, bil-pontoon b'kollox, u dan għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi;*

*3. Konsegwentement tordna lill-intimati jew min minnhom jirrifondu lir-rikorrenti l-prezz imħallas bħala konsiderazzjoni għas-sailing boat ta' erbgħa u erbgħin (44) pied tat-tip Bavaria, irreġistrata bl-isem RHEA, bil-pontoon b'kollox u dan fl-ammont riżultanti miż-żewġ skritturi privati ta' bejgħ li saru bejn il-kontendenti u datati 4 t'Ottubru 2011 u 4 ta' Diċembru 2011;*

*4. Tordna lill-intimati sabiex jersqu fuq l-att ta' rexxissjoni opportun u għal dan il-għan tinnomina nutar pubbliku sabiex jilqa', jirrediġi u*

*jippubblika l-att relattiv ta` rexissjoni kif ukoll tipprefiġġi data, lok u ħin illi fihom għandu jiġi pubblikat l-att relattiv ta' rexxisjoni kif ukoll tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-intimati fl-eventwali kontumaċja tagħhom fuq l-att ta` rexissjoni.*

*5. Tiddikjara lill-intimati, jew min minnhom, huma għar-raġunijiet fuq esposti unikament responsabbli għad-danni materjali u konsegwenzjali kollha sofferti mir-rikorrenti bħala riżultat tal-aġir illegali u abbużiv tagħhom kif fuq premess;*

*6. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, u dan anke permezz ta' periti nominandi, kemm-il darba jkun il-każ;*

*7. Tikkundanna u tordna lill-intimati, jew min minnhom, jħallsu lir-rikorrenti d-danni hekk kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti."*

4. Fit-tweġiba maħlufa l-konvenuti qalu li:

i. L-kawża tal-atturi m'għandhiex bażi ġuridika għaliex dak li talbu mhuwiex dak li tippermetti l-liġi. Ladarba l-atturi ppremettew li d-dgħajsa fiha difett moħbi, ma setgħux ifittxu rimedji li l-liġi ma tipprovdix. L-azzjoni li l-atturi setgħu jipproponu kienet skont l-Art. 1427 jew 1390 tal-Kodiċi Ċivili.

ii. L-azzjoni li ppropponew l-atturi hi a bażi ta' danni *ex contractu* u li hi estranja għall-azzjonijiet li tikkontempla l-liġi f'każ ta' bejgħ.

5. Bis-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2021 l-ewwel Qorti laqgħet dawk l-eċċezzjonijiet u ċaħdet it-talbiet tal-atturi. Il-parti tas-sentenza li fiha l-motivazzjoni tal-ewwel Qorti hi din:

*"**L-Azzjoni Attriċi**.*

*Din hija azzjoni għar-rexissjoni tal-ftehim tal-bejgħ tad-dgħajsa u sabiex jintradd lura l-ammont mħallas għall-akkwist tal-istess dgħajsa u d-danni materjali sofferti mill-atturi. L-atturi jinsistu li l-bejgħ ġie konkluż b'qerq min-naħa tal-konvenuti u li l-kunsens għall-akkwist ma kienx jingħata kieku mhux għall-ingann eżerċitat mill-konvenuti. L-atturi jgħidu li dan il-qerq u ingann kien jikkonsisti fil-fatt li l-konvenuti kienu jafu li d-dgħajsa għandha difett iżda għażlu li jaħbu dan il-fatt u minflok taw garanzija li d-dgħajsa hija mingħajr difetti.*

*..............*

*5.Fir-rikors ġuramentat l-atturi jippremettu li wara aktar minn seba' snin li huma kienu akkwistaw id-dgħajsa huma saru jafu li d-dgħajsa kienet afflitta minn difett moħbi. Kien biss taħt il-kappa 'Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-Proċeduri' li tissemma għall-ewwel darba l-kelma 'qerq'. Fit-12-il premessa, l-atturi jispjegaw li l-qerq huwa l-fatt li "l-intimati kienu jafu bl-imsemmi **difett**, iżda bl-aktar mod qarrieqi u doluż għażlu li jaħbuh mill-esponenti u dan filwaqt illi l-istess intimati offrew garanzija li d-dgħajsa hija mingħajr ebda difetti [...]". Il-qerq għalhekk huwa xejn għajr il-ħabi tad-difett.*

*Il-ġurisprudenza b'mod konsistenti irriteniet li "[...] l-unici azzjonijiet li huma disponibbli ghall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-pacifiku pussess u difett latenti skont l-Artikolu 1427 u l-azzjoni fuq indikata li l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita abbazi tal-Artikolu 1390 tal-Kap. 16."*

*.........*

*Jista' jagħti lok li dan l-insenjament qiegħed joħloq ċertu ambigwità rigwardanti l-azzjonijiet li jistgħu jitressqu mix-xerrej. Din il-Qorti temmen li filwaqt li xerrej għandu r-rimedji taħt l-Artikolu 1390 u dak taħt l-Artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili, dawn m'humiex l-uniċi rimedji. Ix-xerrej m'huwiex marbut li jħoll il-kuntratt ta' kompravendita biss jekk il-kwalità hija inferjuri għal dik li miftiehma jew għaliex l-oġġett għandu difett moħbi, iżda jista' jitlob ir-rexissjoni tal-kuntratt minħabba vizzju tal-kunsens jew fl-oġġett mibjugħ, jew minħabba ingann jew meta l-kawża tal-kuntratt tkun illeċita jew illegali.*

*Għalhekk a contrario ta' dak li jgħidu l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom li jekk tintlaqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti jkun ifisser li x-xerrej jista' jressaq biss azzjoni jekk l-oġġett mixtri jkollu difett jew l-oġġett ma jkunx tal-kwalità miftiehma, ma treġġix.*

*Dan magħdud, din il-Qorti hija però tal-fehma li meta l-azzjoni tkun ippernjata fuq l-eżistenza ta' difett latenti, irrispettivament jekk kienx hemm qerq jew frodi, l-azzjoni għandha dejjem titressaq taħt l-artikoli*

*speċjali maħsuba għal dik il-fini u ċioe l-Artikoli 1424 et seq tal-Kodiċi Ċivili.*

*.......... Fis-sentenza* ***Ignazio Gatt noe vs. Zakkarija Calleja*** *(App Ċiv 319/07) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-30 t'April 2019 ġie dikjarat illi,:*

> *"huwa stabbilit li kawża għal tħassir ta' kuntratt (ta' xiri-u-bejgħ) minħabba vizzju tal-kunsens jew fil-ħaġa mibjugħa, jew minħabba qerq jew frodi (art. 1212, 1424, jew 1440 tal-Kap. 16) hija msejsa fuq basi għal kollox differenti minn kawża mnissla minn bejgħ ta' ħaġa li jingħad li ma tkunx tal-kwalità miftehma (art. 1390 tal-Kap 16) [jew li tkun milquta minn difetti mistura (artikoli 1424 u 1427 tal-Kapitolu 16)]. Dan jidher mhux biss mir-rimedju differenti mogħti mil-liġi fil-każ il-wieħed u l-ieħor, iżda, wisq iżjed sinjifikativament, mill-għamla u l-grad ta' provi meħtieġa biex wieħed isostni l-azzjoni l-waħda jew l-oħra."*

*fejn fil-fatt ġie ritenut li "La darba huwa ghazel li jsejjes l-azzjoni tieghu fuq id-difett mistur, ried jitlob ir-rimedji li l-ligi taghti lix-xerrej fl-artikolu 1427 tal-Kap. 16."*

*Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-sentenza* ***L'Onda Limited vs. Ocean Way Co. Ltd*** *(App Ċiv 1902/1999) deċiża fis-27 ta' Frar 2009 sostniet "li f'kaz li jigu allegati difetti mohbija f'oggett mixtri, r-rimedji kontemplati fil-Kodici Civili huma biss dawk maghrufa bhala l-azzjoni redibitorja u l-azzjoni estimatorja, u mhux lecitu li xerrej li ma jitlobx dawn ir-rimedji, jipprova johloq rimedju iehor." Fis-sentenza* ***Brian Mangion et vs. Mario Pulis et*** *(Ċit 537/2004) deċiża mill-Prim'Awla fl-20 t'Ottubru 2005, wara li għamlet referenza għal għad ta' ġurisprudenza ikkonkludiet li "L-azzjoni attrici, f'dan il-kaz, hija msejsa fuq il-kawzali tad-difetti mohbi, u kwindi kellhom jagixxu billi jinvokaw r-rimedji partikolari li taghti l-ligi fl-artikoli 1427, li jezula mill-principji generali tal-kuntratt tal-bejgh, u li jeskludi kull rimedju iehor li jista' jintalab." Wara din is-sentenza ingħataw sentenzi oħra konformi ma' dan il-ħsieb, fosthom* ***Joseph Aquilina noe vs. Globe Electronics Ltd*** *(Ċit Nru 2119/1995) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Ottubru 2007, u* ***Anthony Baldacchino vs. George Mifsud et*** *(App Ċiv 539/2003 PS) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fl-24 ta' Jannar 2007. F'din l-aħħar sentenza intqal b'mod ċar li "trattandosi dejjem ta' allegat difett fil-haga, ix-xerrej ma jistax jiskogita rimedji ohra li l-ligi ma tipprovdilux f'materja ta' inadempiment kontrattwali ta' bejgh". Fid-deċiżjoni fl-ismijiet* ***Carmelo Scerri et vs. Joseph Sammut et*** *(Ċit Nru 224/2006) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-26 ta' Ġunju 2012 ġie reaffermat li:*

> *"f'kazi bhal dawn, fejn jidher bhal dan il-kaz, li l-kawza titratta dwar allegat difett tal-haga jew li l-oggett ma huwiex tal-kwalita' pattwieta x-xerrej ma' jistax jippretendi rimedji ohra li l-ligi ma' tipprovdilhux bhal f'materji ta' inadempiment kontrattwali ta' bejgh, jew inkella ghall hlas danni jew ir-rimedji rikjesti f'dan il-kaz li huma sui generis, u dan ghaliex ghal dak li jirrigwarda din ta' l-ahhar (li hija l-azzjoni odjerna) r-relazzjoni*

*bejn l-atturi u l-konvenuti hija dik ta' bejgh u regolata bl-istess disposizzjonijiet."*

*Tal-istess fehma kienet il-Prim'Awla fis-sentenza* ***Victoria Lorraine Bonnici et vs. Silvio Demicoli et*** *(Ċit 1216/2008) deċiża fl-4 ta' Diċembru 2014, liema sentenza ġiet kwotata b'mod estensiv miż-żewġ partijiet, però din is-sentenza fl-għeluq tal-konsiderazzjonijiet tagħha tgħid li:*

*"ma hemmx dubju li l-liġi tagħti lil xerrej azzjoni ta' rexxissjoni (b'differenza minn waħda ta' riżoluzzjoni) tal-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ fil-każijiet li kull kuntratt sinallagmatiku ieħor jista' jkun rexxiss [Ara. P.A. PS 16.6.2003 fil-kawża fl-ismijiet Anthony Piscopo vs Charles Filletti et (mhix appellata)]. Imma meta l-azzjoni tkun imsejsa fuq l-eżistenza ta' difetti mistura, l-azzjonijiet rimedjali miftuħa lix-xerrej huma dawk maħsuba fil-liġi speċifika tal-kuntratt tal-bejgħ u ma jistax jirrikorri għal suriet oħrajn ta' azzjoni jew fejn, bl-istess kawżali, jintalab rimedju li dawk l-azzjonijiet rimedjali preskritti ma jagħtux [Ara App. Ċiv. 27.2.2009 fil-kawża fl-ismijiet L'Onda Limited vs Ocean Way Co Ltd];"*

*Apparti il-ġurisprudenza ċitata hemm ukoll is-sentenza li ingħatat fit-18 ta' Ġunju 2020 mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla bejn il-partijiet fil-kawża odjerna u ċioe fl-ismijiet* ***Gorg Bonello et vs. Joseph sive Guzi Grech et*** *(Rik Ġur 805/2019) fejn ġie ritenut li:*

*"filwaqt li bħala prinċipju ġenerali ma hemm xejn xi jxekkel xerrej milli jitlob il-ħall tal-kuntratt abbażi ta' vizzju tal-kunsens miksub bil-qerq tal-bejjiegħ; din l-azzjoni mhix disponibbli meta x-xerrej ifittex lill-bejjiegħ għal qerq konsistenti fil-ħabi ta' difett fil-ħaġa mibjugħa, għaliex għal dan jipprovdi l-istitut tal-bejgħ bl-azzjoni redibitorja, li, bħala regola speċjali, tipprevali fuq ir-regola ġenerali. Ġaladarba l-liġi stess iddeterminat l-effetti tal-vizzju, m'għandhomx jiġu mogħtija lix-xerrej drittijiet, u lill-bejjiegħ imposti piżijiet, aktar minn dawk indikati mil-liġi speċifikament għall-istitut tal-bejgħ".*

*Jiġi osservat minn din il-Qorti li l-azzjoni tal-atturi hija pjuttost insolita għaliex meta xerrej jinnota li kien hemm difett latenti fl-oġġett minnu mixtri, ix-xerrej jgħaddi sabiex jipproċedi b'azzjoni taħt l-Artikolu 1427 li xorta joffri għar-rexissjoni tal-kuntratt u jobbliga lill-bejjiegħ irodd il-prezz flimkien mal-ispejjeż li jkollhomx'jaqsmu mal-bejgħ u mhux jirrikorri għal rexissjoni ta' kuntratt abbażi ta' qerq. Bl-introduzzjoni tal-Artikolu 1427, il-leġislatur ried li x-xerrej ma jkollux il-bżonn li jipprova li l-bejjiegħ kellu l-intenzjoni li jqarraq bix-xerrej u għalhekk il-piż tal-prova huwa anqas minn dak mistenni f'kawża imsejsa fuq qerq.*

*Ġie spjegat mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet* ***Maria Speranza Buttigieg et vs. Cutajar JJ (Holdings) Ltd*** *(App Ċiv 269/2006) mogħtija fil-25 ta' Ġunju 2019 li:*

*"l-liġi tagħna titlob li l-prova tal-qerq issir mill-parti li tallega l-qerq [App. Kumm.* ***31.3.1967*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Żammit et vs Farruġia et*** *(Kollez. Vol:* ***LI.i.546****)], li wkoll trid turi li l-parti l-oħra kellha l-fehma jew intenzjoni*

> *li tqarraq [P.A. DS **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet **Ian Busuttil et vs Carmen Taliana]**. Fuq kollox, "l'accertamento del dolo come vizio del consenso deve essere preciso e rigoroso, e non puo' essere affidato a semplici induzioni o presunzioni od a criteri di verosimiglianza" [Cass. **8.5.1969** nru. 1570];"*

*Fuq din il-linja għandu jitqies ukoll li l-Artikolu 981(2) tal-Kapitolu 16 jesiġi li l-qerq ma jkunx preżunt iżda jeħtieġ li jkun ippruvat kif imiss. Il-prova trid tkun tajba biżżejjed li turi li l-parti mixlija bil-qerq kellha l-intendiment partikolari li tilgħab lill-parti l-oħra biex tersaq għall-ftehim. In oltre l-ingann irid ikun il-kawża determinati li ta lok għal ftehim li għaqqad in-negozju bejn il-kontraenti u jrid ikun imwettaq minn waħda mill-partijiet għall-kuntratt. Il-leġislatur bl-introduzzjoni tal-Artikolu 1424 et seq tal-Kapitolu 16 ried li x-xerrej ikollu rimedju aktar effettiv billi jneħħi l-ħtieġa li tinġieb il-prova ta' qerq u fejn fl-aħħar mill-aħħar ix-xerrej xorta jista' jitlob il-ħall tal-kuntratt.*

*Il-Qorti tqis bħala infondata s-sottomissjoni tal-atturi li l-azzjoni redibitorja ma tapplikax meta l-kunsens tal-kompratur kien vizzjat mill-qerq perpetwat mill-konvenut. Il-fatt li seta' kien hemm qerq ma jeskludix l-azzjoni redibitorja. Dan il-ħsieb il-Qorti tibbażah fuq dak li fil-fatt jipprovdi l-Artikolu 1429 tal-Kodiċi Ċivili fejn jibda billi jgħid: "jekk il-bejjiegħ **kien jaf** bid-difetti tal-ħaġa mibjugħa" u allura kien hemm il-konoxxenza tad-difett, il-bejjiegħ huwa "obbligat mhux biss li jrodd il-prezz li jkun irċieva iżda wkoll li jħallas id-danni lix-xerrej." F'azzjoni redibitorja, sabiex ikun hemm lok għal danni jeħtieġ li x-xerrej iressaq prova li l-bejjiegħ kien jaf bid-difetti moħbi. Dan ikompli jsaħħaħ il-fehma tal-Qorti li meta l-azzjoni tkun ippernjata fuq l-eżistenza ta' difett latenti, l-azzjoni għandha dejjem titressaq taħt l-artikoli speċjali maħsuba għal dik il-fini u ċioe l-Artikoli 1424 et seq tal-Kodiċi Ċivili.*

*Fejn huwa possibbli l-azzjoni għandha tiġi salvata però huwa evidenti illi l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq binarju li mhux mogħti mil-liġi lill-atturi qua kompraturi u konsegwentement il-Qorti qed tiddeċiedi illi l-azzjoni tal-atturi kif impostata ma tistax tintlaqa' peress li ġiet imsejsa fuq artikoli tal-liġi mhux applikabbli għall-fattispecie tal-każ odjern.*

*Una volta l-Qorti qed tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti; mhux meħtieġ li tqis ukoll it-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti Grech, billi l-azzjoni sejra tiġi fi tmiemha ġaladarba sejrin jintlaqgħu l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-istess konvenuti."*

6. Kien għalhekk li l-atturi appellaw mis-sentenza b'rikors li ppreżentaw fid-19 ta' Novembru 2021. L-aggravji tal-atturi huma:

i. Il-kawża li fetħu l-atturi hi bbażata fuq il-fatt li l-kunsens tagħhom għall-bejgħ kien vizzjat b'għemil doluż tal-konvenuti. L-ingann tal-konvenuti jirrendi l-kuntratt annullabbli u għalhekk l-atturi għandhom dritt jitolbu r-rexxissjoni tal-kuntratt.

ii. L-ewwel Qorti fl-istess sentenza qalet li r-rimedji fl-Art. 1390 u 1427 tal-Kodiċi Ċivili mhumiex l-uniċi rimedji, u ddikjarat li xerrej jista' jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt minħabba vizzju tal-kunsens. Dan apparti li l-ġurisprudenza tagħmilha ċara li azzjonijiet għandhom kemm jista' jkun jiġu salvati u n-nullita` hi odjuża u tapplika biss fejn espressament dikjarata mil-liġi. F'dan ir-rigward għamlu wkoll referenza għall-Art. 789 tal-Kap. 12.

7. Il-konvenuti wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-atturi.

8. Mir-rikors ġuramentat hu evidenti li l-atturi qegħdin isostnu li l-kunsens tagħhom għax-xiri tad-dgħajsa RHEA kien vizzjat bil-qerq tal-konvenuti. Fil-fatt l-ewwel talba taqra hekk:

> *"1. Tiddikjara li l-kunsens tar-rikorrenti mogħti fuq iż-żewġ skritturi privati ta' bejgħ li saru bejn il-kontendenti u datati 4 t'Ottubru 2011 u 4 ta' Diċembru 2011 rispettivament u li permezz tagħhom ir-rikorrenti akkwistaw is-sailing boat ta' erbgħa u erbgħin (44) pied tat-tip Bavaria, irreġistrata bl-isem RHEA, bil-pontoon b'kollox, kien ivvizjat peress li ġie meħud b'għemil doluż tal-intimati, jew min minnhom, u dan ai*

> *termini tal-artikoli 974 u 981 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta".*

9. Din il-kawża saret għaliex l-atturi qegħdin jallegaw li wara li xtraw id-dgħajsa mingħand il-konvenut saru jafu li d-dgħajsa kienet involuta f'inċident u ġarrbet ħsarat li wassal biex għandha difetti. Difetti li jallegaw li l-konvenuti ma qalulhom xejn dwarhom qabel sar il-bejgħ u saħansitra fuq il-kuntratt ta' bejgħ kienu ggarantew li, *"is-sailing boat hija mingħajr difetti moħbija bħal osmosis, daqqiet jew difetti oħra kemm fil-magna jew f'xi parti oħra tas-sailing boat"*. Jinsistu li kieku qabel il-bejgħ kienu jafu b'dawk id-difetti ma kinux jixtru d-dgħajsa RHEA.

10. L-Art. 974 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li l-kunsens hu vizzjat fejn ikun *".....mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż,....".* L-Artikolu 981 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li l-għemil doluż hu motiv ta' nullita` ta' ftehim u f'liema ċirkostanza.

11. Din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti li l-atturi kellhom biss għad-disposizzjoni tagħhom l-azzjoni taħt il-garanzija għad-difett moħbi.

12. L-Artikolu 1440 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

> *"Barra mir-raġunijiet ġa msemmijin f'dan it-Titolu, li għalihom jista' jiġi rexxiss jew maħlul kuntratt ta' bejgħ, <u>u minn dawk li jgħoddu għall-kuntratti kollha</u>, il-kuntratt ta' bejgħ jista',kollu jew biċċa minnu, jiġi maħlul bl-eżerċizzju tal-jedd ta' rkupru,u jista' jiġi rexxiss minħabba leżjoni".*

13. Minn din id-disposizzjoni hu ċar li r-raġunijiet ta' rexxissjoni li japplikaw għall-kuntratti kollha, japplikaw ukoll għall-kuntratt ta' bejgħ. Il-fatt biss li l-atturi ppremettew li wara l-bejgħ skoprew li d-dgħajsa fiha difett u li l-konvenuti taw garanzija li d-dgħajsa *"hija mingħajr difetti moħbija bħala osmosis, daqqiet jew difetti oħra kemm fil-magna jew f'xi parti oħra tas-sailing boat"*, ma jfissirx li l-uniku kawża li setgħu jipproponu kienet l-azzjoni redibitorja jew l-azzjoni stimatorja. Dawk huma biss fatti li l-atturi kellhom bilfors isemmu fir-rakkont ta' dak li ġara biex jispjegaw dak li wassalhom biex jiftħu l-kawża.

14. L-Art. 1212 tal-Kodiċi Ċivili jagħmilha ċara li:

> *"Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi waħda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-liġi tiddikjara espressament li hu null, hu suġġett għar-rexxissjoni"*.

15. Kondizzjoni essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa hu l-kunsens, li ma jkunx jiswa jekk ikun mogħti b'għemil doluż (Art. 974 tal-Kodiċi Ċivili). Hu fatt li bażat fuq il-premessi fir-rikors maħluf, l-atturi setgħu jagħżlu r-rimedju taħt Art. 1427 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-fatt fl-10 ta' Lulju 2019 l-atturi ppreżentaw ittra uffiċjali (fol. 88) fejn bażikament qalu l-istess fatti li hemm fir-rikors maħluf, u mbagħad komplew:

> *"Fid-dawl ta' dan, il-mittenti qed jitolbu l-azzjoni redibitorja qua r-rexxissjoni tal-bejgħ de quo u r-radd tal-flus lura tal-ammont preċitat, oltre l-ispejjeż u d-danni sofferti minnhom ai termini tal-artikoli 1427 u 1429 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta"*.

16. Jirriżulta fil-fatt li l-istess atturi kienu diġa` fetħu kawża fl-istess ismijiet (numru 805/2019) u b'sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ddikjarat null ir-rikors maħluf għaliex kien fih talbiet li ma joqogħdux flimkien u nieqes minn partikolarita` essenzjali meħtieġa mil-liġi (Art. 789(1)(d) tal-Kap. 12). B'dik il-kawża l-atturi pproponew azzjoni redibitorja u wkoll għar-rexxissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ minħabba li qalu li l-kunsens tagħhom kien vizzjat minħabba għemil doluż tal-konvenuti (Art. 981 tal-Kodiċi Ċivili). Ma jirriżultax li kien sar appell minn dik is-sentenza u fis-7 ta' Awwissu 2020 l-atturi ppreżentaw il-kawża tallum, u li fiha ma nkludewx l-azzjoni redibitorja. Jista' jkun li f'dak l-istadju għażlu din it-tip ta' kawża għaliex sa dakinhar kien leħaq għadda t-terminu ta' preskrizzjoni li fiha setgħu jipproponu l-azzjoni redibitorja. Madankollu, jibqa' l-fatt li r-rimedju taħt l-Art. 1427 tal-Kodiċ Ċivili ma jeskludix rimedji oħra.

17. Ovvjament għal dak li jirrigwarda l-mertu huma l-atturi li jridu jagħtu prova sħiħa ta' nganni li suppost għamlu l-konvenuti u li huma tali li mingħajrhom ma kinux jikkonkludu l-kuntratt ta' bejgħ.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-atturi u tħassar is-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2021 u tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-konvenuti.

Ir-Reġistratur għandu jibgħat l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti biex tissokta bis-smigħ tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr